MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Numru 1083/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Elkekli Saber, bin il-mejjet Shban u l-mejta Tumea mwielda Sad, imwieled Tripli (Libya) fit-02/06/1979 u joqghod 'White Hart', Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, li ghandu numru tal-karta ta' identita` 0022501(A)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli bejn it-12/08/2008 u t-13/08/08 waqt li kien fi Triq il-Qawra, Qawra, ikkommetta serq ta' karozza li ggib numru HAT-697 t'ghamla Mitsubishi, liema serq hu aggravat bil-

mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Aboleed Drdera Ali Barkha minn San Pawl il-Bahar.

Rat d-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija u li l-vettura misruqa giet ritornata lil sidha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 267 263(a), 271(g), 280(1)(2) u 278(3) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerijali li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sozpiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------